QORTI ĊIVILI
PRIM'AWLA

ONOR. IMĦALLEF
ROBERT G. MANGION

ILLUM IT-30 TA' GUNJU 2020

**Kawza Numru: 4**
**Rik. Gur. 359/2016 RGM**

**Gaetano Palumbo (K.I. 57177A) u**
**Archimede Food & More Limited**

**vs.**

**CG Trading Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat ta' Gaetano Palumbo u Archimede Food & More Limited** ipprezentat fil-5 ta' Mejju, 2016 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi permezz tad-deċiżjoni datata t-22 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet "*CG Trading Ltd vs Archimede Food & More Limited u Palumbo Gaetano*" (Talba Nru. 681/15/DMA), it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar ikkundanna lill-atturi odjerni (hemmhekk intimati) iħallsu lis-soċjeta' konvenuta odjerna (hemmhekk rikorrenti) is-somma ta' elfejn, erba' mija

u tlett ewro u disgha u ħamsin ċenteżmu (€2,403.59) flimkien mal-imgħax legali mid-data tad-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż a karigu tal-konventi f'dawk il-proċeduri (atturi fil-proċeduri odjerni) (Ara sentenza hawn annessa u mmarkata dok "A") ;

2. Illi b'hekk, permezz tal-imsemmija deċiżjoni, is-soċjeta' kovenuta odjerna ġiet kanonizzata kreditriċi fil-konfront tal-atturi odjerni;

3. Illi dawk l-imsemmija proċeduri, u s-sussegwenti deċiżjoni, saru kollha ad insaputa tal-atturi u saru jafu bihom biss wara li l-konvenuti odjerni ottjenew il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, akkordat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet "*CG Trading Ltd vs Archimede Food & More Limited*" (Mandat Nru 2738/2015) (hawn anness u mmarkat Dok "B");

4. Illi kif jirriżulta mill-atti proċesswali quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, inżammet seduta waħda fit-22 ta' Settembru 2015 fejn fiha it-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu. Di piu, fid-Deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal jgħid illi "*Il-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta ghat-talba mitluba kontrihom*" u b'hekk għadda biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu abbażi li l-atturi odjerni kienu meqjusa notifikati ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi jirriżulta wkoll mill-atti pproċesswali, li l-allegata notifika tas-soċjeta Archimede Food & More Limited saret fl-indirizz ta' 6, Triq Giuseppe Calleja, Iklin, liema indirizz ingħata mis-soċjeta intimata (hemmhekk attriċi) u jirriżulta li ċerta J Cardona (K.I. 1026745M) irċeviet l-imsemmija allegata notifika għan-nom tas-soċjeta attriċi odjerna fit-12 ta' Settembru 2015;

6. Illi jirriżulta wkoll li Gaetano Palumbo qatt ma ġie notifikat u lanqas biss inħarġet notifika mis-soċjeta intimata (hemmhekk attriċi);

7. Illi s-soċjeta attriċi għandha l-indirizz uffiċjali tagħha u topera kuljum minn "Cafe Sicilia", 25, Tigne' Seafront, Sliema, liema indirizz uffiċjali ilu jintuża sa minn Marzu 2010, filwaqt li l-attur Gaetano Palumbo jirrisjedi fi 25, "Danube" Flat 3, Tigne' Seafont, Sliema;

8. Illi b'hekk l-indirizz indikat mis-soċjeta intimata għan-notifka tal-Avviż quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar lis-soċjeta attriċi (hemmhekk intimata) m'għandu l-ebda rabta la mas-soċjeta attriċi u lanqas mal-attur Gaetano Palumbo;

9. Illi di piu jirriżulta li s-soċjeta inimtata, filwaqt li għażlet li tinnotifika l-Avviż tat-Talba lis-soċjeta attriċi Archimede Food & More Limited biss u f'indirizz li m'għandu l-ebda rabta magħha u skartat in-notifika ta' Gaetano Palumbo, għażlet li ladarba tottjeni sentenza eżekuttiva bil-maniġġi tagħha, tinnotifika l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fl-indirizz il-korrett u ċioe' fi "Cafe Sicilia", 25, Tigne' Seafront, Sliema;

10. Illi dan huwa aġir abbużiv u qarrieq da parti tas-soċjeta intimata, liema abbuż ikkawża danni serji lill-atturi stante li issa r-reputazzjoni tagħhom ġiet imtebba minħabba li tniżżlu fil-listi tal-*credit ratings* bħala debituri u dan mingħajr ebda tort;

11. Illi l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirrikjedi illi n-notifika ssir bil-kunsinna tal-att ġudizzjarju fil-lok fejn persuna tkun toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tal-istess. Illi l-indirizz mogħti mis-soċjeta intimata għar-rigward tas-soċjeta attriċi ma jissodisfa l-ebda waħda minn dawn il-kriterji u b'hekk minn dan joħroġ li filwaqt li l-attur Gaetano Palumbo qatt ma ġie notifikat, is-soċejta attriċi ma kienitx ġiet notifikata skont il-liġi;

12. Illi l-għemil tas-soċjeta konvenuta u n-nuqqas tagħha li tħares u twettaq il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji, iwassal għall-irregolarita' hawn fuq msemmija u bħala konsegwenza l-atturi ojderni ma ngħatawx l-

opportunita' li jitpoġġew f'posizzjon li jiddefendu l-kawża quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar;

13. Illi għalhekk kellha tiġi intavolata biex jinkseb rimedju għall-preġudizzju soffert;

14. Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza tal-atturi ;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex togħġobha:

1) **Tiddikjara** illi l-atti proċesswali quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar intavolati fl-ismijiet "CG Trading Ltd vs Archimede Food & more Limited u Palumbo Gaetano" (Talba Nru. 681/15/DMA) jikkontjenu żbalji u żvisti li qatt ma setgħu jiġu traskurati u dawn l-istess żbalji u żvisti jimportaw l-irregolarita' u l-invalidita' tal-istess proċeduri;

2) **Tiddikkjara** illi s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-22 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet CG Trading Ltd vs Archimede Food & more Limited u Palumbo Gaetano (Talba Nru. 681/15/DMA) hija nulla, invalida u mingħajr effett;

3) **Tiddikjara,** konsegwentement, illi kwalsiasi att ġudizzjarju li hu msejjes fuq tali deċiżjoni, inkluż il-Mandat ta' sekwestru Eżekuttiv intavolat quddiem il-Qorti tal-Maġistati (Malta) (Mandat Nru. Mandat Nru 2738 / 2015) huwa wkoll null u mingħajr effett, u dan ai termini tal-Artikolu 98 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li l-ispejjeż ta' dawn l-atti ġudizzjarju għandhom ikunu a karigu tal-intimat;

4) **Tiddikjara** illi minħabba l-aġir qarrieqi tas-soċjeta intimata is-soċjeta Archimede Food & more Limited u Palumbo Gaetano sofrew danni fir-reputazzjoni tagħhom;

5) **Tordna** t-teħid ta' kwalsiasi provvediment opportuni ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti tħoss neċessarju fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ;

Bl-ispejjez tal-preżenti proċeduri kontra l-intimati, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni, u b'riserva a favur tar-rikorrenti, għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri lilhom spettanti skond il-liġi kontra l-intimati fil-*foro* opportun.

Rat ir-**risposta guramentata ta' CG Trading Limited** ipprezentata fid-29 ta' Novembru, 2016 fejn jinghad kif gej:

1. Illi r-rikorrenti kien ġie kkundannat iħallas is-somma ta' elfejn u erba' mija u tlett Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,403.59) flimkien mal-imgħax legali mid-data tad-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenut (ir-rikorrenti fil-proċeduri odjerni) u dan permezz ta' sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar datata 22 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet 'CG Trading Limited (C-26560) v. Archimede Food and More Limited (C-46238) u Gaetano Palumbo (Talba Numru 681/15/DMA);

2. Illi d-deċiżjoni hawn fuq imsemmija għaddiet res judicata u ma tistax tiġi appellata;

3. Illi in linea preliminari r-rikors tal-attur huwa irritu u null u mproponibbli stante li l-attur qiegħad iħallat diversi azzjonijiet bir-riżultat li m'għamel l-ebda referenza għall-artikoli tal-liġi li fuqhom qiegħad jistrieħ b'dan li t-talbiet kollha attriċi m'għandhom l-ebda bażi legali;

4. Illi in linea preliminari, u minghajr preġudizzju għas-sueċċeppit, l-azzjoni proposta mill-attur hija nulla u rrita stante illi l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji kollha li tipprovdi l-liġi qabel ma rrikorra għall-proċeduri odjerni;

5. Illi minn qari akkurat tat-talbiet attriċi jidher ċar li l-attur qiegħad effittavement jitlob ritrattazzjoni tal-kawża stante illi jidhirlu li ma ġiex notifikat skond il-liġi. Illi f'dan ir-rigward jiġi eċċepit illi m'hemmx lok għal ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi skond l-Artikolu 814 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, t-talba għar-ritrattazzjoni trid issir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata. Illi skond l-Artikolu 818 (1) (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza. Illi fil-każ odjern l-attur jistqarr li sar jaf bis-sentenza meta l-espoinenti ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fit-28 ta' Diċembru 2015. Illi r-rikors tal-attur ġie intavolat fil-5 ta' Mejju 2016 b'dan li ż-żmien perentorju ta' 3 xhur imsemmi fl-Artikolu 818 (1) (b) tal-Kap 12 skada u m'għadux validu għall-attur li jipproċedi b'kawża għar-ritrattazzjoni. Illi wara li l-attur kellu kull opportunita li jintavola kawża skond ma jipprovdi l-Kap 12, iżda għal xi raġuni naqas li jagħmel dan, issa qed jippretendi li jinjora l-provvedimenti tal-Kap 12 u jippretendi li jintavola din il-kawża biex jittanta ma jagħddix mill-bieb iżda jagħddi mit-tieqa. Illi l-liġi tal-proċedura hija ta' ordni pubbliku – *"il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi għandha tiġi osservata aIla lettera e non per equipollens"* – **Vol XVII p1 p879**, b'dan li n-nuqqas tal-attur li jaderixxi mal-provvedimenti tal-Kap 12 għandhom ikunu fatali għalih u f'kull każ ma jistax ibiddel il-liġi miktuba u/jew jitlob rimedji li m'hemmx provvedimenti għalihom fil-liġijiet ta' Malta.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu jingħad illi, fil-kawża 681/15/DMA in-notifika kienet saret regolarment ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi fl-ewwel lok in-notifika li minnha qed jilmenta l-attur saret skond il-Liġi, u fit-tieni lok, l-allegazzjoni mressqa mill-attur illi l-esponenti ottjeniet is-

sentenza b'aġir abbużiv u qarrieq hija għal kollox inveritiera u nfondata, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-provi li tressqu fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta ppreżentata fit-23 ta' Lulju 2019 kif ukoll in-nota tal-atturi pprezentata fit-30 ta' Settembru 2019;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Jannar 2020 fejn l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn xi jzidu man-noti ta' osservazzjonijiet taghhom.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat id-digriet ta' differiment minhabba l-pandemija;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Is-socjetà konvenuta resqet proċeduri kontra is-socjetà attriċi u l-attur Palumbo fit-28 t'Awwissu 2015 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Fl-avviz tat-talba gie indikat indirizz wiehed kemm ghas-socjetà attriċi kif ukoll ghall-attur l-iehor u cioe 6, Giuseppe Calleja Street, Iklin. Mill-atti allegati mar-rikors tal-kawza odjerna jirrizulta li fit-12 ta' Settembru 2015 l-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar gew notifikati fl-imsemmi indirizz u ffirmat ghaliha J. Cardona. L-unika seduta quddiem l-imsemmi Tribunal kienet fit-22 ta' Settembru 2015 fejn wara li qieset li "[i]l-konvenuti debitament notifikatu baqghu ma dehrux u lanqas ippreżentaw risposta ghat-

talba mitluba kontrihom"[1] ghaddiet sabiex laqghet it-talbiet tas-socjetà attriċi f'dik il-kawza u kkundannat lill-konvenuti, atturi f'din il-kawza, jhallsu s-somma ta' elfejn, erba' mija u tlett ewro u disgha u hamsin centezmu (€2,403.59) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell.

Sussegwentement fl-24 ta' Dicembru 2015 is-socjetà CG Trading Ltd pprocediet biex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li ottjeniet permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fejn in-notifikat lis-sekwestrati fl-indirizz Cafe Sicilia, 25, Tigne Seafront, Sliema.[2]

Fil-15 ta' Jannar 2016, il-Bank HSBC Bank Malta plc iddepozita l-ammont shih li gie mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru.[3] Fit-13 t'April 2016 intalab l-izbank tal-somma shiha.[4]

Ikkunsidrat

Bl-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija nulla, invalida u minghajr effett u dan peress li n-notifika li saret kienet wahda rregolari u ghaldaqstant il-principji ta' gustizzja naturali ma gewx imharsa fil-konfront taghhom.

Sabiex jissanaw din l-allegazzjoni l-atturi resqu diversi xhieda. Bdew billi harrku **rapprezentant tar-Registru tal-Kumpaniji** fejn il-PL Quentin Tanti fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Gunju 2017 spjega li fis-17 ta' Frar 2009 giet imwaqqfa s-socjetà Archimede Food and More Ltd u l-indirizz ta' reġistrazzjoni taghha kien 6, Giuseppe Calleja Street, Iklin. Permezz ta' Formula Q datata 5 ta' Marzu 2010 u registrara mar-Registru tal-Kumpaniji fit-8 ta' Marzu 2010, l-indirizz ta' reġistrazzjoni indiddel ghal Cafe Sicilia,

[1] Pagna 7 tal-process.
[2] Pagna 10 tal-process.
[3] Pagna 104 tal-process.
[4] Pagna 106 tal-process.

25, Tigne Seafront, Sliema. Ix-xhud ikkonferma li ma kien hemm l-ebda tibdil iehor fl-indirizz.

Fir-rigward tal-indirizz residenzjali ta' Gaetano Palumbo, tharrek **rapprezentant tal-Identity Malta**, fejn fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Gunju 2017, Derek Camilleri xehed li l-ewwel indirizz tas-Sur Palumbo kien 25, Denue, Flat 3, Ix-Xatt ta' Tigne, Sliema u dan kien mill-2010 sal-2013. Jghid li l-ahhar indirizz li ghandha Identity Malta gie reġistrar fid-29 ta' Mejju 2017 u huwa indirizz gewwa Swieqi.

Xehdet ukoll **Josephine Cardona** fejn fix-xhieda taghha tat-12 t'April 2018 ikkonformat li l-firma fuq il-karta r-roza tal-posta hija taghha però tghid li ma taf il-hadd mill-atturi.

Ikkunsidrat

Is-socjetà konvenuta ressqet diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li jehtieg li l-ewwel jigu decizi dawn, qabel din il-Qorti tqis il-mertu. L-ewwel eċċezzjoni li ser tigi kkunsidrata hija li s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija res judicata u li ghalhekk ma jistax isir appell minnha.

Fil-kaz in dizamina l-allegazzjoni hija li ma saritx notifika valida u allura certament ma setax isir appell fit-terminu ghax il-parti ma kinitx taf bil-proceduri. Din il-Qorti tqis li l-atturi f'din il-kawza mhux qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tirrikonsidra u tiddeċiedi fuq il-mertu tal-azzjoni li giet imressqa quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar izda jekk il-principju ta' gustizzja naturali *audi alterem partem* giex imharres meta n-notifika saret lil terza persuna li m'hijiex relatata mal-atturi.

Is-socjetà konvenuta tkompli tamplifika din l-eccezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha billi issottomettiet li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza tirrevedi deċiżjonijiet in ġudikat ta' qrati jew tribunali ohra.

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal sentenza riċenti moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Għaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura et** (Rik Nru 107/2016) deciza fil-31 ta' Jannar 2019 fejn ikkonfermat dak li kunsidrat l-Ewwel Qorti:

"Fil-każ in eżami però, għalkemm jittratta deċiżjoni amministrattiva dwar irtirar ta' rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' produtturi, ma għandniex appell minn tali deċiżjoni, imma kontestazzjoni dwar il-validità tal-ittra li fiha ġie dikjarat li qed jiġi rtirat dak ir-rikonoxximent. Kif indikat fil-bran hawn fuq ċitat mill-liġi, it-tribunal imsemmi bħala tribunal speċjali mwaqqaf b'liġi partikolari għandu kompetenza limitata għal dak speċifikat fl-istess liġi, fil-każ in eżami għal appelli minn deċiżjonijiet amministrattivi dwar ir-rifjut ta' rikonoxximent. Biex ikun jista' jieħu konjizzjoni ta' appell bħal dan, it-tribunal irid ikollu quddiemu każ ta' deċiżjoni validament notifikata lill-organizzazzjoni appellanti, ħaġa però li għadha inċerta, u tista' tiġi deċiża biss minn din il-qorti li għandha kompetenza residwa dwar l-azzjonijiet kollha mhux regolati b'xi liġi speċjali. Infatti a tenur tal-artikolu 50(2)(b) tal-Kap. 12, din il-qorti għandha:

"attribuzzjoni superjuri, li bis-saħħa tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."

Intant l-artikolu 32(2) tal-istess Kodiċi jistipula li:

"Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċ-jali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom."

Għalhekk għamlet sew l-għaqda attriċi li ntavolat il-kawża tagħha quddiem din il-qorti li, bħall-Prim'Awla, għandha l-kompetenza titratta l-

materji kollha mhux ta' kompetenza ta' xi qorti, tribunal jew bord ieħor, speċifikament indikati mill-liġi."

Kawza b'fattispeci simili ghal kaz odjern giet deciza b'sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef vs. A & M Printing Ltd** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Gurisdizzjoni Superjuri) (Ghawdex) (Rik Gur Nru 25/2012 JD). Dik il-Qorti rreferiet ghad-decizjoni **Dennis Mifsud vs. Albert Degiorgio** (App. Nru 1139/2002 PS) moghti mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-11 ta' Frar, 2004 fejn gie dikjarat illi:

"Sewwa ntqal illi 'l-Att numru V tal-1995 li waqqaf it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta' informalita` u regoli procedurali tant li espressament jistipula li ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa kemm jista' jkun mal-Att jew mar-regoli maghmula tahtu (Art 9, subinciz 3)" – "**Emmanuel Caruana noe –vs- Elaine Cachia**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 1996.

Korrettement ukoll issokta jinghad, dejjem f'din l-istess decizjoni, illi "naturalment iridu jitharsu l-principji ta' gustizzja naturali u fondamentali ghal smiegh xieraq quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja. Fost dawn il-principji hemm ovvjament dak li, fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha minn tali Tribunal, il-parti ghandha tinghata l-opportunita` tiddefendi l-kaz taghha u certament ma tistax taghmel dan jekk ma tkunx giet bhala parti konvenuta, notifikata bit-talba kontra taghha". F'dak il-kaz il-Qorti kienet qed tidderimi materja fl-ambitu tal-Artikolu 13 tal-Att.

Huwa difficli biex din il-Qorti, u kull min hu razzjonali, ma jaqbilx mal-espressjoni ta' opinjoni fuq senjalata. Hekk ukoll, anke jekk rikonoxxuti li r-ritrattazzjoni l-interpretazzjoni strettissima u r-rimedju straordinarju tieghu, wiehed ma jistax ugwalment ma jaqbilx mal-veduta riflessa fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali in re "**Leonard Muscat –vs- Onorevoli Prim Ministru**", 31 ta' Lulju 2000, dwar l-importanza tal-

istitut biex jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u tigi evitata 'miscarriage of justice' u b'hekk tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet.

Ikollu jinghad pero` illi, elokwenti kemm huwa elokwenti, dawn l-opinjonijiet u veduti ma jservux biex tirrizolvi l-"vexata quaestio". Dan ghaliex fil-kaz in disamina l-legislatur ma hasibx ukoll ghall-provvediment tad-dritt tar-ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal. Li jfisser illi kieku din il- Qorti kellha tammetti dan id-dritt tkun qed tinoltra ruhha f'kamp li di diritto mhux rizervat lilha. L-invokazzjoni ghall-principju tal-ekwita` ma ggibx ghal daqshekk illi r-ritrattazzjoni hi permissibbli anke fejn dan mhux konsentit jew akkordat skond il-volonta` tal-ligi.

Il-Qorti tissimpatizza mal-veduti tal-appellanti espressi fl-aggravju tieghu, anke jekk ghal vers iehor ma tistax takkoljihom. Jibqa' l-fatt illi anke jekk il-ligi specjali ma tipprovdix ghar-ritrattazzjoni dan ma jfissirx illi l-appellanti ma ghandux rimedju konsimili ghal dak ottenut fil-kaz ta' decizjoni mit-Tribunal Industrijali. Dan ghaliex hu ben rikonoxxut illi l-Qrati ordinarji jibqghalhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal f'kaz fejn dan ikun mar 'ultra vires' jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew fejn is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba. Dan apparti wkoll ir-rimedju kostituzzjonali biex jithassru sentenzi. Ara a propozitu "**Cuschieri vs- Prim Ministru et**", Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Frar 1996.

Hemm imbaghad is-sentenza fl-ismijiet "**Giuseppe Felice Morina –vs- Edward Spiteri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 26 ta' Marzu 1953. Minnha hu dezumibbli illi fejn ligi partikolari ma tipprovdiex ir-rimedju, u jkun jezisti kaz ta' vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali, dan jista' jigi re-integrat mit-tribunal ordinarju "fl-assenza ta' rimedji statutorji specifici"."

Issir referenza ghas-sentenza **Joseph Micallef vs. A & M Printing Ltd** fejn il-Prim' Awla kkonkludiet li "hija kompetenti sabiex tissindaka decizjoni tat-

Tribunal Ghal Talbiet Zghar". Fil-kaz **Anthony Busuttil et vs. Louis Zammit** (Cit Nru 131/2003 PC deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Gurisdizzjoni Superjuri) (Ghawdex) fis-26 ta' Ottubru 2005) li kien jitratta l-eccezzjonijiet preliminari dwar jekk dik il-Qorti kinitx kompetenti sabiex tissindika decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar gie deciz li:

> "*Billi gja ntqal illi l-unika rimedju illi l-atturi kellhom taht il-Kap 380 kien dak ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal, u dan allegatament ma setghux jaghmluh ghax ma gewx notifikati kif suppost bil-kawza, ……..ma kien baqghalhom ebda triq ohra ghajr li jirrikorru ghall-qrati ordinarji, kif fil-fatt ghamlu bil-kawza prezenti, f'tentattiv li jiksbu r-rimedju mixtieq.*"

Stabbilit illi l-Qorti Civili, Prim'Awla hija kompetenti sabiex tindaga jekk it-Tribunal ghal Talbiet Zghar segwiex jew le l-principju tal-gustizzja naturali *audi alteram parte*m, il-Qorti issa ser tghaddi sabie tikkonsidra l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat

Fir-raba' eċċezzjoni s-socjetà konvenuta eccepixxiet li l-atturi naqsu milli jezawrixxu r-rimedji kollha li tipprovdi l-ligi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjetà konvenuta naqset milli tittratta dan il-punt u tindika liema huwa dawk ir-rimedji li ghalihom qed taghmel referenza. Fi kwalunkwe kaz, jirrizulta sew mill-konsiderazzjonijiet fuq maghmula illi l-unika rimedju li l-atturi sertghu jirrikorru lejh huwa dak minnhom propost permezz tal-kawza odjerna. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija infondata u qed tigi respinta.

Ikkunsidrat

Eccezzjoni ohra ta' natura preliminari hija li l-atturi qeghdin permezz tal-kawza odjerna jitolbu ritrattazzjoni tal-kawza. Hemm qbil bejn il-partijiet li b'huwiex possibbli li jkun hemm ritrattazzjoni minn sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. M'hemmx dubju li l-Kapitolu 380, Att dwar Tribunal

ghal Talbiet Zghar, jipprovdi biss ghall-appell li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza tat-Tribunal. Kif diga' inghad l-istitut ta' ritrattazzjoni mhux a disposizzjoni sabiex decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tigi mhassra u dan ghaliex il-Legislatur ma pprovdix ir-rimedju ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Kwindi ladarba m'hemmx id-dritt ta' ritrattazzjoni, il-Qrati ordinarji jibqalhom gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat tat-Tribunal biex ikun accertat li d-decizjoni li nghatat ma tkunx marret *ultra vires* jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew tkun kontra xi ligi miktuba. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi respinta.

Ikkunsidrat

Hekk ezawriti l-eccezzjonijiet preliminari, jmiss issa li jigi kkunsidrat il-mertu tal-azzjoni ordjerna u cioe jekk it-Tribunal ghal Talbiet Zghar segwitx il-principju naturali ta' *audi alteram partem* meta n-notifika saret f'indirizz ta' terzi.

Kif inghad mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta vs. Citadel Insurance plc** (App. Civ. Nru 123/2005 PS) moghtija fit-28 ta' Marzu 2007:

> "In-notifika f'idejn min hu indikat li jircievi l-posta f'dawk ic-cirkustanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta` inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament esegwita. B'dan il-mod l-Artikolu 187 (1) precitat johloq il-prezunzjoni *iuris tantum* illi n-notifika hu xjenti mill-att tal-avviz notifikat lilu ghall-istawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att."

Fil-kawza odjerna s-socjetà attrici ippruvat sodisfacentement li l-indirizz taghha, ghalkemm kien xi zmien l-indirizz tal-Iklin fejn saret in-notifika, kien inbiddel ferm qabel ma gew inizjati l-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, proprju aktar minn hames snin qabel. L-attur Palumbo wkoll pprova li huwa ma kienx jirrisjedi fl-indirizz tal-Iklin izda kien jirrisjedi gewwa tas-Sliema u eventwalment is-Swieqi. Gie muri wkoll li l-persuna li giet notifika l-Iklin u cioe Josephine Cardona, m'ghandha l-ebda rabta mal-atturi. Is-socjetà konvenuta ma negatx li hija harget notifika wahda fl-indirizz gewwa Iklin. Lanqas spjegat ghalfejn hija harget in-notifika tal-kawza fl-indirizz tal-Iklin izda imbaghad il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv talbet li jigi ezegwit fl-indirizz korrett.

L-**Artikolu 187 (1) u (4)** tal-Kapitolu 12 jipprovdi

> "1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun in-notifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. [...]"
>
> "4) Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura:
> (a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew
> (b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)"

Dan ifisser li n-notifika trid issir fil-lok fejn wiehed jirrisjedi jew fejn jahdem u fil-kaz ta' persuna guridika fl-ufficcju registrat jew f'idejn "persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull

segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.". Fil-kaz in ezami n-notifika ma saritx fejn kien jirrisjedi Gaetano Palumbo u lanqas fejn is-socjetà Archimede Food & More Ltd ghandha l-ufficcju reġistrat jew f'idejn wiehed mill-persuni su-indikati. Konsegwentement, ma jistax jitqies li l-atturi kienu notifikati bl-atti tal-kaz kontrihom. Jirrizulta ghalhekk illi l-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar gie deciz minghajr ma l-konvenuti f'dik il-kawza inghataw l-opportunità li jinstemghu kif trid il-ligi.. Gie wkoll sodisfacentement ippruvat illi l-atturi baqghu ma jafux bl-ezistenza ta' dik il-kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, sakemm is-socjetà attrici rceviet il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv.

In tema legali referenza issir ghas-sentenza **Josephine Caruana vs. Walter Attard** deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili fit-22 ta' Novembru 1951 fejn inghad li

> "Illi ġie bosta drabi ritenut mill-Qrati Tagħna illi d-deċiżjonijiet ta' tribunali speċjali tali meta ma hemmx appell statutorju minnhom, jistgħu jiġu sindikati mit-tribunali ordinarji imma "biss" sabiex dawn it-tribunali ordinarju jikkontrollaw eċċess ta' ġurisdizzjoni u jinfurzaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-ġustizzja naturali. Din il-Qorti, għalhekk, għandha s-setgħa li tissindaka d-deċiżjoni mpunjata tal-Bord fuq imsemmi, jekk ikun hemm, kif l-attriċi tippretendi, xi vjolazzjoni ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali [...]
>
> Illi ġie wkoll bosta drabi ritenut mill-istess Qrati Tagħna illi hemm vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali meta tiġi vjolata r-regola importantissima "audi alteram partem" liema regola għandha tiġi osservata, u n-nuqqas ta' l-osservazzjoni tagħha mit-tribunal speċjali ġġib li l-Qrati ordinarji jistgħu jindaħlu. U ġie rietnur, fil-kawża "Gollcher vs. Higgins" (App 31 ta' Mejju, 1948) illi dik ir-regola ma tkunx giet osservata meta jkun hemm nuqqas ta' notifika tal-konvenut".

Referenza ssir ukoll għas-sentenza **HSBC Bank Malta plc vs. Standard Chartered Bank Ltd** (App. Civ. 365/16) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta’ Lulju 2019:

> “Illi l-Qorti tgħid minnufih li jekk kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas ta’ notifika skond il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa’ kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-Rikors Maħluf.”

Mehud in konsiderazzjoni l-provi mressqa kif ukoll il-gurisprudenza nostrana din il-Qorti qed tikkonkludi u tiddeciedi illi d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-22 ta’ Settembru 2015 hija nulla u bla effett *ai fini* u effetti kollha tal-ligi minhabba ksur tal-principju tal-gustizzja naturali tal-*audi alteram partem*. Jinghad ukoll li s-sentenza tat-Tribunal inghatat minghajr ma l-istess Tribunal ha konjizzjoni ta’ jekk in-notifika saritx lill-persuna idonea u fin-nuqqas sabiex in-notifika tigi regolarizzata kif trid il-ligi u kif iridu l-aktar principji bazici tal-gustizzja naturali u tas-smigh xieraq. M’ghandu jkun hekk l-ebda dubbju li kull konvenut għandu dritt jigi mhux biss notifikat bl-atti tal-kawza kontrih izda wkoll li jinghata l-opportunita' li jiddefeni ruhu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi,

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta;

2. Tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara illi l-atti processwali quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar intavolati fl-ismijiet “CG Trading Ltd vs. Archimede Food & more Limited u Palumbo Gaetano” (Talba Nru.

681/15/DMA) jikkontjenu zbalji u zvisti fin-notifika li qatt ma setgħu jigu traskurati u dawn l-istess zbalji u zvisti jimportaw l-irregolarità u l-invalidità tal-istess proceduri;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li d-decizjoni fl-ismijiet "CG Trading Ltd vs. Archimede Food & more Limited u Palumbo Gaetano" (Talba Nru. 681/15/DMA) hija nulla, invalida u minghajr effett;

4. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li kwalsiasi att gudizzjarju imsejjes fuq din id-decizjoni sucitata, hu wkoll invalidu, null, u bla effett.

5. Tilqa' r-raba' u l-hames talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma zbankata fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u hamsa u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,645.55) flimkien mal-ispejjez ghal-kontro-mandat relattiv u bl-imghax legali mid-data li fiha s-somma imsemmija giet depozitata mill-bank taht l-awtorita' tal-Qorti sad-data tal-effettiv rifuzjoni u pagament.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**